



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14557/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0364 (NLE)

POLCOM 164
WTO 210
PECHE 451

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, fir-rigward tal-Ftehim dwar is-sussidji għas-sajd

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll
li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,
fir-rigward tal-Ftehim dwar is-sussidji għas-sajd**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-propostatal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“WTO”) li nediet ir-Rawnd ta’ Doha ta’ negozjati kummerċjali, magħruf bħala l-“Aġenda ta’ Doha għall-Iżvilupp”, f’Novembru 2001. Il-kompitu tan-negozjati tad-WTO dwar is-sussidji għas-sajd kien li titwettaq il-Mira 14.6 tal-Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Il-Kummissjoni n-negozjat ma’ Membri oħra tad-WTO b’konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 207(3) tat-Trattat.
- (3) In-negozjati ġew konklużi fit-12-il Konferenza Ministerjali fis-17 ta’ Ġunju 2022. Dik il-Konferenza adottat il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta’ Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“il-Protokoll”) u ddikjaratu miftuħ għall-aċċettazzjoni mill-Membri tad-WTO.
- (4) L-Anness tal-Protokoll fih il-Ftehim dwar is-sussidji għas-sajd li ser jiddaħħal, mad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, fl-Anness 1A tal-Ftehim ta’ Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
- (5) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç ("il-Protokoll") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' aċċettazzjoni kif previst fil-paragraf 5 tal-Protokoll².

Artikolu 3

Il-Protokoll ma għandux jiġi interpretat bħala li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament fil-qrati tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

¹ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' hawn fuq ta' qiegħ il-paġna ir-referenza tal-ĠU tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 14558/22

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
